Parlament Ewropew
2019-2024

TESTI ADOTTATI

P9_TA(2023)0445

Prodotti tal-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem: emenda ta' ċerti Direttivi dwar il-"Kolazzjon"

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2023 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 2001/110/KE li tirrigwarda l-għasel, 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman, 2001/113/KE li għandha x'taqsam mal-ġamm tal-frott, il-ġelatini u l-marmellati u mal-purejiet tal-qastan mogħtija l-ħlewwa maħsuba għal konsum mill-bniedem, u 2001/114/KE rigward ċertu ħalib ippreżervat disidratat in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem (COM(2023)0201 – C9-0140/2023 – 2023/0105(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0385/2023).

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE[20] tistabbilixxi definizzjonijiet, ismijiet, regoli komuni dwar ir-rekwiżiti tal-kompożizzjoni u t-tikkettar għall-għasel.	(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE[20] tistabbilixxi definizzjonijiet, ismijiet, regoli komuni dwar ir-rekwiżiti tal-kompożizzjoni***, il-kwalità*** u t-tikkettar għall-għasel.
_____	_____
[20] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-għasel (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 47).	[20] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-għasel (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 47).

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fid-dawl tar-rabta mill-qrib bejn il-kwalità tal-għasel u l-oriġini tiegħu u l-ħtieġa li l-konsumatur ma jiġix ***mqarraq*** fir-rigward tal-kwalità tal-prodott, id-Direttiva 2001/110/KE tistabbilixxi regoli dwar it-tikkettar tal-oriġini fejn ikun inġabar l-għasel. B'mod partikolari, l-Artikolu 2(4) ta' dik id-Direttiva jirrikjedi li l-pajjiż jew il-pajjiżi ta' oriġini minn fejn ikun inġabar l-għasel jiġu indikati fuq it-tikketta u jipprevedi li, jekk l-għasel joriġina f'aktar minn Stat Membru wieħed jew minn pajjiż terz, l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiżi ta' oriġini tista' tiġi sostitwita b'waħda minn dawn li ġejjin, kif xieraq: "taħlita ta' għasel tal-UE", "taħlita ta' għasel mhux tal-UE", "taħlita ta' għasel	(3) Fid-dawl tar-rabta mill-qrib bejn il-kwalità tal-għasel u l-oriġini tiegħu u l-ħtieġa li l-konsumatur ma jiġix ***imqarraq*** fir-rigward tal-kwalità tal-prodott, id-Direttiva 2001/110/KE tistabbilixxi regoli dwar it-tikkettar tal-oriġini fejn ikun inġabar l-għasel. B'mod partikolari, l-Artikolu 2(4) ta' dik id-Direttiva jirrikjedi li l-pajjiż jew il-pajjiżi ta' oriġini minn fejn ikun inġabar l-għasel jiġu indikati fuq it-tikketta u jipprevedi li, jekk l-għasel joriġina f'aktar minn Stat Membru wieħed jew minn pajjiż terz, l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiżi ta' oriġini tista' tiġi sostitwita b'waħda minn dawn li ġejjin, kif xieraq: "taħlita ta' għasel tal-UE", "taħlita ta' għasel mhux tal-UE", "taħlita ta' għasel

tal-UE u mhux tal-UE". Ir-regoli differenti adottati fuq din il-bażi mill-Istati Membri setgħu qarrqu bil-konsumaturi u setgħu fixklu l-funzjonament tas-suq intern. Fid-dawl tal-objettiv tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" li l-konsumaturi jiġu abilitati fit-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati, inkluż dwar l-oriġini tal-ikel tagħhom, u fl-interess li jiġi ppreżervat il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern fl-Unjoni kollha permezz ta' armonizzazzjoni tar-regoli tat-tikkettar, huwa xieraq li r-regoli għat-tikkettar tal-oriġini tal-għasel jiġu riveduti u li jiġi previst li l-pajjiż jew il-pajjiżi ta' oriġini jenħtieġ li jissemmew fuq l-imballaġġ. Fid-dawl tad-daqs imnaqqas tal-pakketti li fihom biss porzjon wieħed ta' għasel (pakketti tal-kolazzjon) u d-diffikultajiet tekniċi li jirriżultaw, ***huwa għalhekk xieraq li dawk il-pakketti jiġu eżentati mill-obbligu*** li jiġu ***elenkati*** l-pajjiżi ***individwali kollha*** ta' oriġini***, meta l-għasel joriġina f'aktar minn pajjiż wieħed***.

tal-UE u mhux tal-UE". Ir-regoli differenti adottati fuq din il-bażi mill-Istati Membri setgħu qarrqu bil-konsumaturi u setgħu fixklu l-funzjonament tas-suq intern. Fid-dawl ***tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u*** tal-objettiv tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" li l-konsumaturi jiġu abilitati fit-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati, inkluż dwar l-oriġini ***ġeografika*** tal-ikel tagħhom, u fl-interess li jiġi ppreżervat il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern fl-Unjoni kollha permezz ta' armonizzazzjoni tar-regoli tat-tikkettar, huwa xieraq li r-regoli għat-tikkettar tal-oriġini tal-għasel jiġu riveduti u li jiġi previst li l-pajjiż jew il-pajjiżi ta' oriġini jenħtieġ li jissemmew ***f'ordni dekrexxenti, skont is-sehem rispettiv tagħhom f'perċentwal tal-piż tal-għasel li jkun hemm fil-pakkett,*** fuq l-imballaġġ. ***Minħabba l-interess partikolari muri mill-konsumaturi fl-oriġini ġeografika tal-għasel fir-rigward tal-karatteristiċi u tal-kwalità tiegħu, u l-ħtieġa ta' trasparenza sħiħa f'dan is-settur, il-pajjiż jew il-pajjiżi ta' oriġini, jiġifieri fejn jinġabar l-għasel jenħtieġ li jidhru fuq it-tikketta fl-istess kamp viżiv bħall-indikazzjoni tal-prodott.*** Fid-dawl tad-daqs imnaqqas tal-pakketti li fihom biss porzjon wieħed ta' għasel (pakketti tal-kolazzjon) u d-diffikultajiet tekniċi li jirriżultaw, ***għal tali pakketti żgħar biss, meta l-għasel joriġina f'aktar minn pajjiż wieħed, jenħtieġ li jkun possibbli*** li jiġu ***indikati*** l-pajjiżi ta' oriġini ***fuq it-tikketta billi jintuża l-kodiċi tal-pajjiżi ISO rispettiv***.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Ir-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-kontrafazzjoni tal-għasel mill-"EU coordinated action "From the Hives"" (Azzjoni kkoordinata tal-UE "Mix-Xehdiet") u l-"EU coordinated action to deter certain fraudulent practices in the honey sector" (Azzjoni kkoordinata tal-UE biex tiskoraġġixxi ċerti prattiki frawdolenti fis-settur tal-għasel) jenfasizzaw li hemm is-suspett li l-perċentwal għoli ta' għasel importat huwa adulterat u jikkonfermaw numru ta' każijiet ta' frodi fis-settur tal-għasel, inkluż l-użu ta' ġuleppi taz-zokkor li huma diffiċli ħafna li jiġu identifikati anki b'metodi analitiċi sofistikati. Id-Direttiva 2001/110/KE jenħtieġ li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi metodi xierqa ta' analiżi biex tiżgura li l-għasel ikkummerċjalizzat fl-Unjoni jikkonforma mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni. Jenħtieġ li jittieħdu miżuri u dispożizzjonijiet biex jillimitaw il-possibbiltajiet ta' frodi, jiffaċilitaw il-kontrolli u jippermettu traċċabbiltà u analiżi aħjar tal-kwalità u l-oriġini tal-għasel. F'dan il-kuntest, ir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva biex jindikaw il-pajjiżi ta' oriġini bil-perċentwali rispettivi tagħhom

	fuq it-tikketta jenħtieġ li joħolqu wkoll il-prekundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' sistema kompleta ta' traċċabbiltà. L-aċċess għal informazzjoni dettaljata u kompluta dwar l-oriġini u l-kompożizzjoni tal-għasel se jagħmilha aktar faċli għal-laboratorji tal-analiżi tal-għasel biex jivverifikaw l-indikazzjoni ġeografika fuq l-imballaġġ tal-għasel u biex jidentifikaw il-frodi. Biex tiġi żgurata l-preċiżjoni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini tal-għasel, it-tqegħid fis-suq jenħtieġ li jkun soġġett għall-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta dwar il-kompożizzjoni tal-prodott. Biex tiġi żgurata l-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jwettqu kontrolli regolari u bbażati fuq ir-riskji.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Sabiex tiġi limitata kemm jista' jkun il-frodi marbuta ma' prodotti adulterati li ma jikkorrispondux mad-denominazzjoni "għasel", biex tkun tista' tiġi vvalidata l-informazzjoni pprovduta dwar l-oriġini u l-kwalità tal-għasel, u biex tiġi pprovduta t-trasparenza massima, ir-regoli tal-Unjoni dwar it-traċċabbiltà

jenħtieġ li jiġu supplimentati b'minimu ta' regoli armonizzati u obbligatorji u l-introduzzjoni ta' sistema ta' traċċabbiltà li tiżgura d-disponibbiltà tal-informazzjoni essenzjali rigward l-oriġini tal-għasel jew l-għasel f'taħlita, inkluż il-pajjiż ta' oriġini, is-sena ta' produzzjoni u l-identifikatur tal-produttur uniku, u tiżgura l-aċċess għaliha, tul il-katina tal-provvista. Għal għasel prodott u importat fl-Unjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jintraċċaw il-katina tal-għasel kollha sa dawk li jrabbu n-naħal għall-ġbir jew, fil-każ ta' għasel importat, sal-produtturi. Dawk ir-regoli jenħtieġ li ma jżidux il-piż amministrattiv tal-produtturi, iżda jenħtieġ li jagħmluha aktar faċli għall-konsumaturi u għall-awtoritajiet superviżorji li jżommu rendikont tal-vjaġġ kollu tal-għasel mill-ġbir sal-ibbottiljar.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 3c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3c) It-terminu "għasel iffiltrat" użat fid-Direttiva 2001/110/KE għandu ħabta jiġi interpretat ħażin mill-konsumaturi, li ma jagħmlux distinzjoni bejn l-ultrafiltrazzjoni u l-filtrazzjoni mwettqa minn dawk li jrabbu n-naħal wara li jiġbru l-għasel tagħhom biex ineħħu partikoli

ta’ xama’ u materja estranja oħra. Biex jiġi żgurat li informazzjoni preċiża tkun disponibbli għall-konsumaturi u tiġi żgurata t-traċċabbiltà u l-verifikabbiltà tal-awtentiċità tal-għasel u l-oriġini tal-għasel, l-għasel ultrafiltrat, imsemmi fid-Direttiva 2001/110/KE bħala “għasel iffiltrat”, jenħtieġ li ma jitħalliex jibqa’ jiġi kkummerċjalizzat u jiġi ttikkettat bħala “għasel”. L-ultrafiltrazzjoni tirreferi għal proċessi ta’ filtrazzjoni bl-użu ta’ malja tal-filtru ta’ daqs iżgħar minn 100 µm u b’hekk titneħħa l-maġġoranza tal-polline mill-għasel. Billi l-polline huwa l-element ewlieni preżenti fl-għasel użat biex tiġi intraċċata l-oriġini tiegħu meta jiġi analizzat, in-nuqqas ta’ polline fl-għasel jagħmilha kważi impossibbli li tiġi vverifikata d-data pprovduta rigward il-pajjiż jew il-pajjiżi ta’ oriġini tal-għasel. Għalhekk, l-ultrafiltrazzjoni tbiddel l-għasel billi ċċaħħdu minn wieħed mill-komponenti u l-karatteristiċi ewlenin tiegħu, u tipprevjeni t-traċċabbiltà tiegħu, u b’hekk tippermetti l-frodi u indikazzjonijiet qarrieqa għall-konsumaturi. Jekk, meta jiġi ttestjat, prodott ikkummerċjalizzat bħala għasel jippreżenta traċċa ta’ polline żgħira, jew xejn, jenħtieġ li jkun ipprojbit milli jitqiegħed fis-suq, kif ukoll, jekk applikabbli, il-lott li jagħmel parti minnu. Għalhekk, l-Anness II tad-Direttiva 2001/110/KE jenħtieġ li jiġi emendat kif

	xieraq biex jispeċifika l-livell ta' filtrazzjoni permessa. Livell bħal dan jenħtieġ li jkun tali li ma jbiddilx b'mod sinifikanti d-densità u l-ispettru tal-polline tal-għasel, iżda jenħtieġ li jkun tali li jneħħi l-biċċa l-kbira tal-materja estranja preżenti fl-għasel.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 3d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3d) It-trattament bis-sħana ta' aktar minn 40 °C (± 5 °C) jikkawża degradazzjoni ta' ċerti kostitwenti tal-għasel, u l-konsumaturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħrfu d-differenza bejn għasel li jkun ġie degradat minn tali trattamenti bis-sħana u għasel ieħor. Jekk l-għasel jiġi ttrattat b'aktar minn 40 °C (± 5 °C), it-terminu "għasel imsaħħan" jenħtieġ li għalhekk jidher fuq it-tikketta. Sabiex jiġi kkontrollat in-nuqqas ta' degradazzjoni termali tal-għasel, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu minimu għall-preżenza tal-invertażi fl-għasel, enżima li hija ħafna aktar sensittiva u tiddegrada malajr ħafna f'temperaturi għoljin. Peress li t-tisħin tal-għasel jista' jinvolvi l-modifika tal-proprjetajiet naturali tiegħu, huwa importanti li jiġi stabbilit limitu li, 'il fuq minnu, l-għasel biex jinħadem jitqies bħala msaħħan iżżejjed f'konformità mad-Direttiva 2001/110/KE.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 3e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3e) Kemm id-definizzjoni tal-għasel fid-Direttiva 2001/110/KE kif ukoll dik fil-Codex Alimentarius jispeċifikaw b'mod ċar ix-xogħol imwettaq min-naħal fil-kaxxa tan-naħal wara li jkunu ġabru l-polline mill-għelejjel tagħhom, li jittrasformawh billi jżidu miegħu materjali speċifiċi tagħhom stess, jiddepożitawh, jiddiżidratawh, jaħżnuh, u jħalluh jimmatura fix-xehdiet tal-kaxex tan-naħal. Id-diżidratazzjoni segwita mill-maturazzjoni huma operazzjonijiet imwettqa min-naħal. Barra l-Unjoni, xi pajjiżi jaċċettaw li, fil-produzzjoni tal-għasel, ix-xogħol tan-naħal ikun limitat għall-ġbir tat-tnixxija tan-nektar mill-pjanti jew mill-qtar tal-għasel tas-siġar. L-għasel mhux matur prodott b'dan il-mod ikollu kontenut ta' ndewwa ferm ogħla mil-limitu ta' 20 % stabbilit fid-Direttiva 2001/110/KE. L-operaturi jaħdmu b'tankijiet imsaħħna f'vakwu biex jillimitaw it-temperatura tat-togħlija tal-ilma fl-għasel. Madankollu, dan il-proċess jiddegrada l-prodott finali, u jnaqqas l-aromi u l-enżimi tiegħu. Għalhekk, id-Direttiva 2001/110/KE jenħtieġ li tipprojbixxi dan il-proċess ta' evaporazzjoni b'vakwu għall-

għasel.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 3f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3f) Il-kummerċjalizzazzjoni ta' għasel mhux immaturat b'mod naturali min-naħal, li l-biċċa l-kbira tiegħu huwa importat minn pajjiżi terzi, toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dan jinvolvi l-evaporazzjoni b'vakwu tal-ilma li jinsab fl-għasel, li jirriżulta fi tnaqqis tal-aromi preżenti b'mod naturali. L-evaporazzjoni rapida u artifiċjali tal-ilma mill-għasel tikkompeti mal-proċess ta' deumidifikazzjoni bil-mod imwettaq b'mod naturali min-naħal fil-kaxxa tan-naħal. Għalhekk, l-evaporazzjoni artifiċjali jenħtieġ li tkun ipprojbita.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 3g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3g) Id-definizzjoni ta' għasel, kif stabbilita fid-Direttiva 2001/110/KE, jenħtieġ li tiġi difiża fl-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), biex tiġi evitata definizzjoni li tippermetti li jiġu esportati prodotti rħas bl-isem ta'

"għasel", għad-detriment tal-kwalità u tal-istabbiltà tas-suq tal-għasel tal-Unjoni u tal-fiduċja tal-konsumatur fil-prodotti tal-Unjoni.

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jqisu l-approċċ "Saħħa Waħda" biex jiżguraw li jiġu rispettati r-rabtiet bejn is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u l-ambjent. L-ikel u l-produzzjoni tal-ikel jeħtieġ li jkunu tajbin għas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali u jenħtieġ li jqisu t-trattament xieraq tal-annimali u l-konfini planetarji inklużi l-emissjonijiet ta' gassijiet serra biex jiġi żgurat li l-miri vinkolanti stabbiliti mir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* jiġu rispettati bis-sħiħ.
	**** Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).***

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fl-2012, id-Direttiva 2001/112/KE ġiet emendata bid-Direttiva 2012/12/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] biex tirrifletti r-regoli l-ġodda dwar l-ingredjenti awtorizzati, bħal dawk li jappartjenu għaż-żieda taz-zokkor, li ma kienx għadu awtorizzat fil-meraq tal-frott. Fid-dawl ta' din il-bidla fir-rekwiżiti tal-kompożizzjoni għall-meraq tal-frott, l-industrija tal-meraq tal-frott setgħet tuża, għal sena waħda biss, dikjarazzjoni li tindika li l-ebda meraq tal-frott ma fih zokkor miżjud, sabiex il-konsumaturi jiġu infurmati u jkunu jistgħu jagħmlu distinzjoni ċara immedjata bejn il-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili oħra f'termini taż-żieda taz-zokkor fil-prodotti. Din il-medda qasira ta' żmien uriet li ma hijiex biżżejjed biex tinforma lis-soċjetà li, skont ir-regoli l-ġodda dwar l-ingredjenti awtorizzati, iż-żieda taz-zokkor ma għadhiex awtorizzata fil-meraq tal-frott. B'riżultat ta' dan, għal xi wħud mill-konsumaturi u l-prattikanti tas-saħħa, għadu ma huwiex ċar li l-meraq tal-frott, għall-kuntrarju tan-nektars tal-frott, ma jistax ikun fih zokkor miżjud.	(5) Fl-2012, id-Direttiva 2001/112/KE ġiet emendata bid-Direttiva 2012/12/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] biex tirrifletti r-regoli l-ġodda dwar l-ingredjenti awtorizzati, bħal dawk li jappartjenu għaż-żieda taz-zokkor, li ma kienx għadu awtorizzat fil-meraq tal-frott. Fid-dawl ta' din il-bidla fir-rekwiżiti tal-kompożizzjoni għall-meraq tal-frott, l-industrija tal-meraq tal-frott setgħet tuża, għal sena waħda biss, dikjarazzjoni li tindika li l-ebda meraq tal-frott ma fih zokkor miżjud, sabiex il-konsumaturi jiġu infurmati u jkunu jistgħu jagħmlu distinzjoni ċara immedjata bejn il-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili oħra f'termini taż-żieda taz-zokkor fil-prodotti. Din il-medda qasira ta' żmien uriet li ma hijiex biżżejjed biex tinforma lis-soċjetà li, skont ir-regoli l-ġodda dwar l-ingredjenti awtorizzati, iż-żieda taz-zokkor ma għadhiex awtorizzata fil-meraq tal-frott. B'riżultat ta' dan, għal xi wħud mill-konsumaturi u l-prattikanti tas-saħħa, għadu ma huwiex ċar li l-meraq tal-frott, għall-kuntrarju tan-nektars tal-frott, ma jistax ikun fih zokkor miżjud. ***Il-konsum ta' wisq zokkor liberu jew sustanzi li jagħtu l-ħlewwa mhux taz-zokkor huwa marbut ma' effetti tas-saħħa negattivi. Il-prodotti bħall-meraq jew in-nektars ipproċessati li jippromwovu livelli ta' zokkor imnaqqsa ħafna drabi***

mhumiex għażla itjeb għas-saħħa minn prodotti b'zokkor naturali jew mingħajr zokkor miżjud u mhumiex adatti biex jissostitwixxu frott jew ħxejjex friski. Biex tiġi pprovduta ċ-ċarezza għall-konsumaturi u l-prattikanti tas-saħħa, ma għandux ikun permess it-tikkettar qarrieqi li jħeġġeġ is-sostituzzjoni ta' frott jew ikel nutrittiv ieħor b'meraq jew nektar ipproċessati. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jirrispettaw ir-riżultati tal-istudju tal-EFSA dwar il-Livell massimu tollerabbli ta' konsum ta' zokkor fid-dieta, speċjalment ir-rakkomandazzjoni li z-zokkor liberu u miżjud jeħtieġ li jiġi kklassifikat flimkien f'termini tar-riżultati fil-qasam tas-saħħa għaċ-ċittadini. Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta proposta biex tirrevedi r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[*] biex tinforma aħjar lill-konsumaturi dwar il-preżenza u l-ammont ta' zokkor liberu u miżjud fi prodott.

---

[22] Id-Direttiva 2012/12/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 115, 27.4.2012, p. 1).

---

[22] Id-Direttiva 2012/12/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 115, 27.4.2012, p. 1).

[*] ***Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel***

	lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku u l-objettiv tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" li l-konsumaturi jiġu appoġġati biex jagħmlu għażliet infurmati, inkluż dwar l-oriġini ġeografika tal-ikel tagħhom, u fl-interess li jiġi ppreżervat il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern fl-Unjoni kollha permezz ta' armonizzazzjoni tar-regoli tat-tikkettar, f'konformità mal-leġiżlazzjoni attwali dwar il-frott frisk, huwa xieraq li jiġu riveduti r-regoli għall-meraq tal-frott u jiġi previst li l-pajjiż jew il-pajjiżi tal-oriġini tal-frott użat għall-produzzjoni tal-meraq tal-frott jenħtieġ li jiġu indikati f'ordni dekrexxenti fuq l-imballaġġ.

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Bħala riżultat tal-progress tekniku, ġew żviluppati tekniki ġodda ta' pproċessar, jew qed jiġu żviluppati, biex jitneħħa kompletament jew parzjalment iz-zokkor naturali fil-meraq tal-frott u fil-meraq tal-frott minn konċentrat, biex tiġi indirizzata d-domanda dejjem tikber tal-konsumaturi għal prodotti b'kontenut aktar baxx ta' zokkor. Dawn il-prodotti jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni sal-punt li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni rilevanti kollha. Madankollu, dawk il-prodotti jinkisbu bl-applikazzjoni ta' trattament li ma huwiex wieħed mit-trattamenti awtorizzati ***fil-Parti*** II, il-punt 3, ***tal-Anness I*** tad-Direttiva 2001/112/KE, u l-kontenut totali ta' zokkor tagħhom, magħruf bħala l-livell Brix għal soluzzjoni milwiema, ikun anqas minn dak tal-meraq estratt mill-frott. B'riżultat ta' dan, ma jistax ikollhom l-isem tal-prodott "meraq tal-frott" jew "meraq tal-frott minn konċentrat".	(8) Bħala riżultat tal-progress tekniku, ġew żviluppati tekniki ġodda ta' pproċessar, jew qed jiġu żviluppati, biex jitneħħa kompletament jew parzjalment iz-zokkor naturali fil-meraq tal-frott u fil-meraq tal-frott minn konċentrat, biex tiġi indirizzata d-domanda dejjem tikber tal-konsumaturi għal prodotti b'kontenut aktar baxx ta' zokkor. ***Dawk it-tekniki ġodda jenħtieġ li ma jwasslux għall-użu ta' sustanzi li jagħtu l-ħlewwa jew addittivi biex jikkumpensaw għall-effett tat-tnaqqis taz-zokkor fuq it-togħma, il-konsistenza u l-kwalità tal-prodott finali.*** Dawn il-prodotti jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni sal-punt li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni rilevanti kollha. Madankollu, dawk il-prodotti jinkisbu bl-applikazzjoni ta' trattament li ma huwiex wieħed mit-trattamenti awtorizzati ***fl-Anness I, il-Parti*** II, il-punt 3, tad-Direttiva 2001/112/KE, u l-kontenut totali ta' zokkor tagħhom, magħruf bħala l-livell Brix għal soluzzjoni milwiema, ikun anqas minn dak tal-meraq estratt mill-frott. B'riżultat ta' dan, ma jistax ikollhom l-isem tal-prodott "meraq tal-frott" jew "meraq tal-frott minn konċentrat".

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jqisu bis-sħiħ l-effetti negattivi fuq is-saħħa tal-aspartam peress li huwa possibbilment karċinoġeniku għall-bnedmin skont l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC) tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). L-EFSA jenħtieġ li tirrieżamina l-aspartam wara l-avviżi tad-WHO sal-31 ta' Diċembru 2024.

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dawn il-prodotti qed isiru dejjem aktar disponibbli fis-suq tal-Unjoni. Sabiex ***jiġi ffaċilitat it-tqegħid fis-suq intern ta' dawk il-prodotti, filwaqt*** li ***titqies ukoll il-ħtieġa li tiġi mħeġġa r-riformulazzjoni tal-prodott biex jitnaqqas l-ammont*** ta' ***zokkor preżenti fil-meraq tal-frott***, jenħtieġ li tinħoloq kategorija ġdida ta' prodotti għall-meraq tal-frott li z-zokkor naturali tagħhom ikun tneħħa kompletament jew parzjalment, filwaqt li jinżammu l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrizzjonali essenzjali l-oħra kollha. Dawn il-prodotti jenħtieġ li jkollhom l-	(9) Dawn il-prodotti qed isiru dejjem aktar disponibbli fis-suq tal-Unjoni. Sabiex ***jiġu ffaċilitati l-innovazzjoni*** li ***tnaqqas l-ammont ta' zokkor preżenti fil-meraq tal-frott u t-tqegħid fis-suq intern*** ta' ***dawk il-prodotti***, jenħtieġ li tinħoloq kategorija ġdida ta' prodotti għall-meraq tal-frott li z-zokkor naturali tagħhom ikun tneħħa kompletament jew parzjalment, filwaqt li jinżammu l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrizzjonali essenzjali l-oħra kollha. ***Kwalunkwe forma ta' zokkor addizzjonali jew sustanza li tagħti l-ħlewwa, kemm jekk naturali kif ukoll***

isem tal-prodott “meraq tal-frott b’zokkor imnaqqas” jew “meraq tal-frott b’zokkor imnaqqas minn konċentrat” u ***li*** jkollhom livell Brix aktar baxx minn dak tal-meraq estratt mill-frott. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, it-tnaqqis tal-kontenut taz-zokkor jenħtieġ li jkun tal-anqas 30 % meta mqabbel mal-meraq tal-frott u mal-meraq tal-frott minn konċentrat. Għalhekk, huwa xieraq li tiżdied il-kategorija l-ġdida ta’ prodotti ***fil-Parti*** I ***tal-Anness*** I tad-Direttiva 2001/112/KE, kif ukoll li jiġu stabbiliti regoli dwar l-ingredjenti awtorizzati għal dawk il-prodotti, kif ukoll it-trattamenti u s-sustanzi awtorizzati.

artifiċjali, jenħtieġ li tkun strettament ipprojbita f’dawk il-prodotti. Dawn il-prodotti jenħtieġ li jkollhom l-isem tal-prodott “meraq tal-frott b’zokkor imnaqqas” jew “meraq tal-frott b’zokkor imnaqqas minn konċentrat” u jkollhom livell Brix aktar baxx minn dak tal-meraq estratt mill-frott. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, it-tnaqqis tal-kontenut taz-zokkor jenħtieġ li jkun tal-anqas 30 % meta mqabbel mal-meraq tal-frott u mal-meraq tal-frott minn konċentrat. Għalhekk, huwa xieraq li tiżdied il-kategorija l-ġdida ta’ prodotti ***fl-Anness*** I***, il-Parti*** I***,*** tad-Direttiva 2001/112/KE, kif ukoll li jiġu stabbiliti regoli dwar l-ingredjenti awtorizzati għal dawk il-prodotti, kif ukoll it-trattamenti u s-sustanzi awtorizzati.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Meta tiżdied il-kwantità ta’ frott użat għall-manifattura tal-ġamm u tal-ġelatina, jitnaqqas l-ammont ta’ zokkor miżjud meħtieġ biex jintlaħaq il-kontenut minimu ta’ materja niexfa solubbli f’dawn il-prodotti. Sabiex tiġi stimulata l-produzzjoni tal-ġamm b’livell ogħla ta’ kontenut ta’ frott, u b’hekk jiġi appoġġat is-suq tal-frott filwaqt li titqies il-ħtieġa li jitnaqqas il-kontenut ta’ zokkor liberu, il-kwantità minima ta’ frott li għandu jintuża fil-manifattura tal-ġamm, u l-ġamm extra stabbiliti fl-Anness I tad-	(16) Meta tiżdied il-kwantità ta’ frott użat għall-manifattura tal-ġamm u tal-ġelatina, jitnaqqas l-ammont ta’ zokkor miżjud meħtieġ biex jintlaħaq il-kontenut minimu ta’ materja niexfa solubbli f’dawn il-prodotti. Sabiex tiġi stimulata l-produzzjoni tal-ġamm b’livell ogħla ta’ kontenut ta’ frott, u b’hekk jiġi appoġġat is-suq tal-frott filwaqt li titqies il-ħtieġa li jitnaqqas il-kontenut ta’ zokkor liberu, il-kwantità minima ta’ frott li għandu jintuża fil-manifattura tal-ġamm, u l-ġamm extra stabbiliti fl-Anness I tad-

Direttiva 2001/113/KE jenħtieġ li jiżdiedu. Sabiex tiġi stimulata l-produzzjoni tal-ġelatina b'livell ogħla ta' kontenut ta' frott, u b'hekk jiġi appoġġat is-suq tal-frott, il-kwantità minima ta' frott li għandu jintuża fil-manifattura tal-ġelatina u l-ġelatina extra stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2001/113/KE jenħtieġ li jiżdiedu. Bl-istess mod, bil-għan li l-konsumaturi jiġu megħjuna jagħmlu għażliet tal-ikel aktar infurmati u tajbin għas-saħħa, huwa xieraq li jiġi awtorizzat l-użu tal-ismijiet riżervati definiti fil-Parti I ta' dak l-Anness għal prodotti li għandhom kontenut ta' materja niexfa solubbli ta' anqas minn 60 % iżda li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni "biz-zokkor imnaqqas" stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 fir-rigward ta' zokkor imnaqqas.	Direttiva 2001/113/KE jenħtieġ li jiżdiedu. Sabiex tiġi stimulata l-produzzjoni tal-ġelatina b'livell ogħla ta' kontenut ta' frott, u b'hekk jiġi appoġġat is-suq tal-frott, il-kwantità minima ta' frott li għandu jintuża fil-manifattura tal-ġelatina u l-ġelatina extra stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2001/113/KE jenħtieġ li jiżdiedu. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu indikati l-komponenti kollha fuq it-tikketta u jenħtieġ li tnaqqis fil-kontenut taz-zokkor ma jiġix ikkumpensat b'sustanzi li jagħtu l-ħlewwa.*** Bl-istess mod, bil-għan li l-konsumaturi jiġu megħjuna jagħmlu għażliet tal-ikel aktar infurmati u tajbin għas-saħħa, huwa xieraq li jiġi awtorizzat l-użu tal-ismijiet riżervati definiti fil-Parti I ta' dak l-Anness għal prodotti li għandhom kontenut ta' materja niexfa solubbli ta' anqas minn 60 % iżda li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni "biz-zokkor imnaqqas" stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 fir-rigward ta' zokkor imnaqqas.

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a)Fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku u l-objettiv tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" li l-konsumaturi jiġu appoġġati biex jagħmlu għażliet infurmati, inkluż dwar l-oriġini ġeografika tal-ikel

	tagħhom, u fl-interess tal-preservazzjoni tal-funzjonament effiċjenti tas-suq intern fl-Unjoni kollha permezz ta' armonizzazzjoni tar-regoli tat-tikkettar, f'konformità mal-leġiżlazzjoni attwali dwar il-frott frisk, huwa xieraq li jiġu riveduti r-regoli għall-ġammijiet, għall-ġeli, għall-marmellati u għall-purejiet tal-qastan mogħtija l-ħlewwa u jiġi previst li l-pajjiż jew il-pajjiżi tal-oriġini tal-frott użat biex jinkisbu tali prodotti jenħtieġ li jiġu indikati f'ordni dekrexxenti fuq l-imballaġġ.

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex l-Istati Membri jitħallew jadottaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet nazzjonali meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' traspożizzjoni ta' ***18***-il xahar. Sabiex l-operaturi jingħataw biżżejjed żmien biex jaġġustaw għar-rekwiżiti l-ġodda, dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw biss minn ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.	(23) Sabiex l-Istati Membri jitħallew jadottaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet ***amministrattivi*** nazzjonali meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ta' traspożizzjoni ta' ***12***-il xahar. Sabiex l-operaturi jingħataw biżżejjed żmien biex jaġġustaw għar-rekwiżiti l-ġodda, dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw biss minn ***18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/110/KE ***huwa emendat*** kif ġej:	***Id-Direttiva*** 2001/110/KE ***hija emendata*** kif ġej:

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva 2001/110/KE
Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(1a) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. l-ismijiet tal-prodotti msemmija fl-Anness I, ***punti*** 2 u 3, għandhom japplikaw biss għall-prodotti definiti hemm u għandhom ikunu użati fil-kummerċ biex jindikaw lilhom. Dawn l-ismijiet jistgħu jkunu sostitwiti permezz ***ta' l-isem*** sempliċi tal-prodott "għasel", ħlief fil-każ ta' ***għasel iffiltrat,*** għasel tax-xehda, għasel fi blokki jew maqtugħ mix-xehda, u għasel biex jinħadem.	"2. l-ismijiet tal-prodotti msemmija fl-Anness I, ***il-punti*** 2 u 3, għandhom japplikaw biss għall-prodotti definiti hemm u għandhom ikunu użati fil-kummerċ biex jindikaw lilhom. Dawn l-ismijiet jistgħu jkunu sostitwiti permezz ***tal-isem*** sempliċi tal-prodott "għasel", ħlief fil-każ ta' għasel tax-xehda, għasel fi blokki jew maqtugħ mix-xehda, u għasel biex jinħadem."

Emendi 20 u 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)
Direttiva 2001/110/KE
Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(1b) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, il-punt b huwa

	sostitwit b'dan li ġej:
(b) ħlief fil-każ ta' ***għasel iffiltrat u għasel biex jinħadem, l-ismijiet tal-prodott jistgħu jkunu supplimentati b'informazzjoni li tirreferi għal:***	"(b) Ħlief fil-każ ***ta' għasel biex jinħadem maħsub għall-użu industrijali, dawk l-ismijiet jistgħu jiġu ssupplimentati b'informazzjoni rigward:***
	– l-oriġini tal-għasel minn fjuri jew ħxejjex, jekk il-prodott ġej kollu jew prinċipalment mis-sors indikat u jkollu l-karatteristiċi organolettiċi, fisikokimiċi u mikroskopiċi tal-oriġini indikata;
	– l-oriġini reġjonali, territorjali jew topografika tal-għasel, jekk il-prodott ġej kollu kemm hu mis-sors indikat;
	– kriterji speċifiċi ta' kwalità tal-għasel."

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)
Direttiva 2001/110/KE
Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, jiżdied il-punt li ġej:
	"(ba) Kull għasel ikkummerċjalizzat b'identifikazzjoni differenti minn dik ta' min irabbi n-naħal għandu jkollu kodiċi ta' identifikatur marbut ma' sistema ta' traċċabbiltà li tippermetti lill-awtoritajiet

	kompetenti tal-Istati Membri jittraċċaw il-katina tal-provvista kollha ta' għasel partikolari sal-istadju ta' dawk li jrabbu n-naħal. Kwalunkwe informazzjoni personali inkluża fis-sistema ta' traċċabbiltà għandha tkun aċċessibbli biss għall-konsumaturi bil-qbil tal-produttur tal-lott jew lottijiet ikkonċernati."

Emenda 59

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2001/110/KE
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Il-pajjiż ta' oriġini fejn inġabar l-għasel għandhom ikunu indikati fuq it-tikketta. Jekk l-għasel ***joriġina f'aktar minn pajjiż*** wieħed, ***il-pajjiżi*** ta' ***oriġini*** minn ***fejn ikun inġabar l-għasel għandhom jiġu indikati*** fuq it-tikketta ***tal-pakketti li fihom aktar minn 25 g;***	(a) Il-pajjiż ta' oriġini fejn inġabar l-għasel għandhom ikunu indikati fuq it-tikketta. Jekk l-għasel ***ikun inġabar f'pajjiż*** wieħed ***biss***, ***dak il-pajjiż għandu jiġi indikat fuq it-tikketta tal-parti*** ta' ***quddiem tal-pakkett qrib isem id-ditta tal-prodott. Jekk l-għasel ikun jikkonsisti minn taħlita ta' għasel miġbur f'diversi pajjiżi, il-lista tal-pajjiżi ta' oriġini għandha tiġi indikata fuq it-tikketta tal-parti ta' quddiem tal-pakkett f'ordni dixxendenti tal-kwantità, bil-perċentwali mħallta eżatti li jippermettu tolleranza ta' 5 %".***

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 2001/110/KE
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	“(aa) Għal pakketti li jkun fihom aktar minn 30 g, is-sehem f’perċentwal skont il-piż għal kull pajjiż ta’ oriġini għandu jiġi indikat fuq it-tikketta bl-użu ta’ waħda mill-firxiet li ġejjin:
	>90 %
	70 %-90 %
	50 %-70 %
	30 %-50 %
	10 %-30 %
	<10 %
	Għal pakketti li jkun fihom 30 g jew anqas, is-sehem f’perċentwal skont il-piż għal kull pajjiż ta’ oriġini jista’ jiġi indikat fuq it-tikketta bl-użu ta’ waħda mill-firxiet li ġejjin:
	>75 %
	50 %-75 %
	25 %-50 %
	<25 %.”

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2001/110/KE
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	“(ab) Biss għal pakketti li jkun fihom anqas minn 30 g ta’ għasel imħallat li joriġina f’aktar minn pajjiż wieħed, kull pajjiż ta’ oriġini jista’ jiġi indikat fuq it-tikketta bl-użu

tal-kodiċi tal-pajjiżi ISO 3166 alpha-2.”

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2001/110/KE
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	“(ac) Jekk mill-anqas 98 % tal-piż li jkun jinsab fit-taħlita jkun ġej minn żewġ pajjiżi jew aktar, mhuwiex meħtieġ li l-pajjiżi ta’ oriġini għall-kwantitajiet residwi jiġu indikati fuq it-tikketta.”

Emenda 61

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2001/110/KE
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Fl-Artikolu 2(4), jiżdied il-punt li ġej:
	“(ba) għandu jitwaqqaf laboratorju ta’ referenza tal-UE għall-għasel biex itejjeb il-kontrolli u jidentifika l-adulterazzjoni tal-għasel permezz ta’ testijiet sistematiċi tal-għasel, bl-użu tal-metodi ta’ ttestjar l-aktar reċenti biex tintwera l-awtentiċità u l-kwalità tal-għasel”;

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2001/110/KE
Artikolu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2a) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Fil-każ ta' għasel ***iffiltrat u għasel*** biex jinħadem, konteniturі ***bil-kwantita'***, ***pakki*** u ***dokumenti kummerċjali*** għandhom jindikaw b'mod ċar l-isem sħiħ tal-prodott***,*** kif ***imsemmi fl-Anness I, punt 2(b)(viii), u punt 3***.	"Fil-każ ta' għasel ***maħsub għall-użi industrijali bħall-għasel*** biex jinħadem, konteniturі ***bil-kwantità***, ***imballaġġ*** u ***dokumentazzjoni tal-bejgħ*** għandhom jindikaw b'mod ċar l-isem sħiħ tal-prodott kif ***stabbilit fil-punt 3 tal-Anness I***.***"***

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)
Direttiva 2001/110/KE
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Jiddaħħal l-artikolu li ġej:
	"Artikolu 4a
	Rekwiżiti ta' traċċabbiltà
	1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati sa mhux aktar tard minn … [OP: daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] li jistabbilixxu metodoloġija armonizzata għad-determinazzjoni tal-oriġini preċiżi tal-għasel u l-awtentiċità tal-għasel. Din il-metodoloġija għandha, permezz ta' ttestjar fil-

laboratorju jew kwalunkwe metodu ieħor meqjus xieraq, tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jittraċċaw l-għasel lura lejn il-pajjiż jew il-pajjiżi ta' oriġini tiegħu u għandha tippermetti d-detezzjoni tal-livelli l-aktar baxxi possibbli u t-tipi kollha ta' adulterazzjoni sabiex tiġi aċċertata l-awtentiċità tal-għasel;

2. Minn ... [OP: daħħal id-data = 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], it-tqegħid fis-suq tal-għasel għandu jkun soġġett għall-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta' traċċabbiltà stabbiliti f'dan l-Artikolu. Il-verifiki tal-prodott għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti, biex jivverifikaw il-konsistenza mal-pajjiż jew il-pajjiżi ta' oriġini indikati. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli regolari u bbażati fuq ir-riskju fit-territorju tagħhom biex jistabbilixxu jekk il-prodotti rilevanti li l-operatur jew il-kummerċjant qiegħed jew biħsiebu jqiegħed fis-suq jikkonformawx ma' din id-Direttiva."

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2c (ġdid)
Direttiva 2001/110/KE
Anness I – paragrafu 2 – punt b – punt viii

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2c) Fl-Anness I, il-punt 2(b)(viii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(viii) għasel ***iffiltrat***	***“***(viii) għasel ***mhux imsaħħan***
Għasel ***miksub bit-tneħħija ta’ materjal inorganiku jew organiku b’tali*** mod li ***jirriżulta fit-tneħħija sinifikanti ta’ polleni***.	Għasel ***li jkun inġabar mix-xehdiet, iddikantat u mbagħad, jekk meħtieġ, mgħarbul. Għasel iddeżinjat b’dan il-mod ma jkunx issaħħan b’tali*** mod li ***l-enżimi tiegħu u elementi termosensittivi oħra jiġu degradati sa tali punt li ma jibqgħux jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fl-Anness II, il-punti 6 u 6a***.***”***

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2d (ġdid)
Direttiva 2001/110/KE
Anness II – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2d) Fl-Anness II, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:
Meta mqiegħed fis-suq bħala għasel jew użat fi kwalunkwe prodott intenzjonat għal konsum mill-bniedem, għasel ***ma’ għandux*** jiżdied miegħu ebda ingredjent ta’ ikel, inklużi addittivi ***ta’ l-ikel***, u ***l-anqas addizzjonijiet oħra*** ma għandhom isiru ħlief l-għasel. L-għasel għandu***, kemm jista’*** jkun***, ikun*** ħieles minn materji organiċi jew inorganiċi barranin għall-kompożizzjoni tiegħu. Bl-eċċezzjoni ***tal- punt 3 ta’ l-Anness I***, ma għandux ikollu togħmiet jew irwejjaħ barranin, ikun beda jiffermenta, ikollu aċidità mbiddla artifiċjalment jew ikun ġie msaħħan b’tali mod li l-enżimi naturali ***ikunu*** ġew jew	***“Meta*** mqiegħed fis-suq bħala għasel jew użat fi kwalunkwe prodott intenzjonat għal konsum mill-bniedem, għasel ***ma għandu*** jiżdied miegħu ebda ingredjent ta’ ikel, inklużi addittivi ***tal-ikel***, u ***lanqas*** ma għandhom isiru ***addizzjonijiet oħra*** ħlief l-għasel. L-għasel għandu jkun ħieles minn materji organiċi jew inorganiċi barranin għall-kompożizzjoni tiegħu. Bl-eċċezzjoni ***tal-Anness I, il-punt 3***, ma għandux ikollu togħmiet jew irwejjaħ barranin, ikun beda jiffermenta, ikollu aċidità mbiddla artifiċjalment jew ikun ġie msaħħan b’tali mod li l-enżimi naturali ***jkunu*** ġew jew distrutti jew inattivati b’mod sinifikanti***,***

distrutti jew inattivati b'mod sinifikanti.	***jew ikunu ġew esposti għal evaporazzjoni b'vakwu**. **L-għasel, meta jiġi kkummerċjalizzat bħala tali jew jintuża fi kwalunkwe prodott maħsub għall-konsum mill-bniedem, irid jikkonforma mal-karatteristiċi ta' kompożizzjoni stabbiliti fil-punti 1 sa 6. Barra minn hekk, meta jiġi kkummerċjalizzat bħala "għasel mhux ipproċessat" jew "għasel verġni", irid ukoll jikkonforma mal-karatteristiċi ta' kompożizzjoni stabbiliti fil-punt 6a."***

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2e (ġdid)
Direttiva 2001/110/KE
Anness II – punt 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2e) Fl-Anness II, il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Mingħajr preġudizzju għall-punt 2(b)(viii) tal-Anness I, la t-trab tad-dakra u lanqas xi kostitwent ieħor partikolari għall-għasel ma jista' jitneħħa ***ħlief fejn dan hu inevitabbli fit-tneħħija ta' materjal inorganiku jew organiku***.	***"Ma hija permessa l-ebda bidla sinifikanti fl-għadd tal-polline jew fl-ispettru tal-polline ta' polline iżgħar minn 100 µm. L-ebda kostitwent ta' għasel iżgħar minn 100 µm*** ma jista' jitneħħa.**"**

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2f (ġdid)
Direttiva 2001/110/KE
Anness II – paragrafu 4 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2f) Fl-Anness II, il-paragrafu 4, jiżdied il-punt li ġej:
	“6a. Indiċi tal-invertaġi (unità Gontarski) għal “għasel mhux imsaħħan”. Determinat wara l-ipproċessar u t-taħlit - ġeneralment, mhux anqas minn 50 U/kg - għasel b’kontenut baxx ta’ enżimi naturali, mhux anqas minn 25 U/kg.”

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ba (ġdid)
Direttiva 2001/112/KE
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	“3a. Il-pajjiż ta’ oriġini tal-frott użat għall-manifattura tal-meraq għandu jiġi indikat fit-tikketta fuq il-parti ta’ quddiem. Jekk il-frott użat joriġina f’aktar minn pajjiż wieħed, il-pajjiżi ta’ oriġini għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta f’ordni dekrexxenti skont il-proporzjon tagħhom fil-meraq tal-frott.”

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c
Direttiva 2001/112/KE
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“4. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, id-dikjarazzjoni ***“l-ebda meraq tal-frott ma fih*** zokkor ***miżjud”*** tista’ tidher fuq it-tikketta fl-istess kamp viżiv bħall-isem tal-prodotti msemmija ***fil-Parti*** I, il-punt 1, ***tal-Anness I*** ta’ din id-Direttiva.”	“4. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, id-dikjarazzjoni ***“fih biss*** zokkor ***naturali”*** tista’ tidher fuq it-tikketta fl-istess kamp viżiv bħall-isem tal-prodotti msemmija ***fl-Anness I, il-Parti*** I, il-punt 1, ta’ din id-Direttiva.”

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt d
Direttiva 2001/112/KE
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22 ***tad-Regolament*** (UE) Nru 1169/2011 għal taħlit ta’ meraq tal-frott u meraq tal-frott minn konċentrat, u għal nektar tal-frott miksub kollu jew parzjalment minn prodott ikkonċentrat wieħed jew aktar, it-tikketta għandha tinkludi l-kliem “minn konċentrat(i)” jew “parzjalment minn konċentrat(i)”, kif xieraq. Dik l-informazzjoni għandha tinkiteb viċin l-isem tal-prodott, b’mod li tispikka minn kull sfond, f’karattri li jidhru b’mod ċar.;”	“6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22 ***tar-Regolament*** (UE) Nru 1169/2011 għal taħlit ta’ meraq tal-frott u meraq tal-frott ***minn konċentrat, għal meraq tal-frott b’zokkor imnaqqas, għal meraq tal-frott b’zokkor imnaqqas*** minn konċentrat, u għal nektar tal-frott miksub kollu jew parzjalment minn prodott ikkonċentrat wieħed jew aktar, it-tikketta għandha tinkludi l-kliem “minn konċentrat(i)” jew “parzjalment minn konċentrat(i)”, kif xieraq. Dik l-informazzjoni għandha tinkiteb viċin l-isem tal-prodott, b’mod li tispikka minn kull sfond, f’karattri li jidhru b’mod ċar.;”

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt da (ġdid)

Direttiva 2001/112/KE
Artikolu 3 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"7a. Indikazzjonijiet rigward proprjetajiet pożittivi, bħal benefiċċji għas-saħħa, ingredjenti jew valur nutrittiv, meta mqabbla mal-frott naturali li jkun jinsab fil-meraq tal-frott jew il-prodotti elenkati fl-Anness I, il-punti 1 sa 4, ma għandhomx isiru fuq it-tikkettar għal meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas jew meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas minn konċentrat imsemmi fl-Anness I, il-punt 6."

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2001/112/KE
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Fl-Artikolu 10, jiddaħħal it-tieni paragrafu li ġej:
	"L-Anness I, il-Parti 1, il-punt 6 għandu jidħol fis-seħħ fi … [12-il xahar mid-data li fiha tiżdied definizzjoni ta' "karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrittivi essenzjali ta' tip medju ta' meraq" f'din id-Direttiva]."

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Direttiva 2001/112/KE
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	“Artikolu 3a
	Sal-31 ta’ Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva li temenda l-Anness I sabiex tintroduċi definizzjoni ta’ “karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrittivi essenzjali ta’ tip medju ta’ meraq”, li tkopri l-frott ewlieni fil-meraq tal-frott.;”

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ba (ġdid)
Direttiva 2001/113/KE
Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	“4a. Il-pajjiż ta’ oriġini tal-frott u z-zokkor użati għall-manifattura tal-prodotti definiti fl-Anness I għandu jiġi indikat fuq it-tikketta. Jekk tali prodott huwa magħmul minn tip wieħed ta’ frott u l-frott użat joriġina f’aktar minn pajjiż wieħed, il-pajjiżi ta’ oriġini għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta f’ordni dekrexxenti skont is-sehem ta’ kull pajjiż ta’ oriġini skont il-piż tal-frott u z-zokkor użati għall-manifattura tal-prodott.
	Għal prodotti li jużaw taħlita ta’ frott differenti li joriġina minn aktar minn pajjiż wieħed,

il-pajjiżi ta' oriġini għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta f'ordni dekrexxenti skont is-sehem ta' kull pajjiż ta' oriġini skont il-piż tal-frott użat għall-manifattura tal-prodott.

Is-sehem perċentwali skont il-piż għal kull pajjiż ta' oriġini għandu jkun indikat fuq it-tikketta tal-pakketti bl-użu tal-firxiet li ġejjin:

>90 %

70 %-90 %

50 %-70 %

30 %-50 %

10 %-30 %

<10 %

Għal pakketti li jkun fihom 30 g jew anqas, is-sehem f'perċentwal skont il-piż għal kull pajjiż ta' oriġini jista' jiġi indikat fuq it-tikketta bl-użu ta' waħda mill-firxiet li ġejjin:

>75 %

50 %-75 %

25 %-50 %

<25 %

Huwa biss għal pakketti li jkun fihom anqas minn 30 g li kull pajjiż ta' oriġini jista' jiġi indikat fuq it-tikketta bl-użu tal-kodiċi tal-pajjiżi ISO 3166 alpha-2."

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c
Direttiva 2001/113/KE
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“6. ***Meta l-kontenut*** residwu tad-diossidu tal-kubrit ***ikun aktar minn 10 mg/kg, il-preżenza tiegħu għandha tiġi indikata fuq il-lista ta’ l-ingredjenti permezz ta’ deroga mill-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 1169/2011.***;”	“6. ***Il-kontenut*** residwu tad-diossidu tal-kubrit ***għandu jiġi indikat fil-lista tal-ingredjenti***.;”

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [OP ***please insert the date = 18 months after the date of entry into force of this Directive]***, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-konformità ma’ din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta’ dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.	L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [OP ***jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva]***, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-konformità ma’ din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta’ dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva].	Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva].

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-prodotti li jitqiegħdu fis-suq jew li jiġu ttikkettati qabel [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], f'konformità mad-Direttivi 2001/110/KE, 2001/112/KE, 2001/113/KE u 2001/114/KE, jistgħu jkomplu jiġu kkummerċjalizzati sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.	Il-prodotti li jitqiegħdu fis-suq jew li jiġu ttikkettati qabel [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], f'konformità mad-Direttivi 2001/110/KE, 2001/112/KE, 2001/113/KE u 2001/114/KE, jistgħu jkomplu jiġu kkummerċjalizzati sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Penali
	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda 67

Proposta għal direttiva
Anness I (ġdid)
Direttiva 2001/110/KE
Anness II – paragrafu 4 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-I L-Anness II tad-Direttiva 2001/110/KE huwa emendat kif ġej:fil-paragrafu 4, jiżdied il-punt li ġej:
	“6a. Indiċi tal-invertażi (metodu Siegenthaler) għal “għasel mhux imsaħħan”, determinat wara l-ipproċessar u t-taħlit – ġeneralment, mhux inqas minn 50 U/kg – għasel b’kontenut baxx ta’ enzimi naturali, mhux inqas minn 25 U/kg.”
	(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha titlob bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Anness I – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Annessi I u ***III*** tad-Direttiva 2001/112/KE huma emendati kif ġej:	L-Annessi I***, III*** u ***V*** tad-Direttiva 2001/112/KE huma emendati kif ġej:

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2001/112/KE
Anness I – Parti I – punt 6 – punt a – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kwalunkwe forma ta’ zokkor jew sustanza li tagħti l-ħlewwa addizzjonali, kemm jekk naturali kif ukoll artifiċjali, hija strettament ipprojbita fil-meraq tal-frott b’zokkor imnaqqas.

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2001/112/KE
Anness I – Parti I – punt 6 – punt a – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kwalunkwe forma ta' zokkor jew sustanza li tagħti l-ħlewwa addizzjonali, kemm jekk naturali kif ukoll artifiċjali, hija strettament ipprojbita fil-meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas minn konċentrat.

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt b – punt ii – inċiż 2
Direttiva 2001/112/KE
Anness I – Parti II – punt 3 – inċiż 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"– Proċessi ***għat-tneħħija*** taz-zokkor naturali, sal-punt li jżommu l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrittivi essenzjali l-oħra kollha ta' tip medju ta' meraq tal-frott li ġej minnu: filtrazzjoni b'membrana, fermentazzjoni tal-ħmira.;"	"– ***għal meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas u meraq tal-frott b'zokkor imnaqqas minn konċentrat:*** proċessi ***għat-tnaqqis*** taz-zokkor naturali, sal-punt li jżommu l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrittivi essenzjali l-oħra kollha ta' tip medju ta' meraq tal-frott li ġej minnu: filtrazzjoni b'membrana, fermentazzjoni tal-ħmira.;"

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Anness I – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Direttiva 2001/112/KE
Anness V – ringiela 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Fl-Anness V, tiżdied ir-ringiela li ġejja:
	“Isem Komuni tal-Frott: Lariġ tad-Demm
	Isem Botaniku: Citrus × sinensis
	Livelli Brix minimi: 10”

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Anness II – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2001/113/KE
Anness I – Parti I – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“– Il-“marmellata taċ-ċitru” hija taħlita, miġjuba għal konsistenza ġġelatinata kif approprjat, ta’ tipi ta’ zokkor u wieħed jew aktar mill-prodotti li ġejjin miksuba mill-frott taċ-ċitru: il-polpa, il-purejiet, il-meraq, l-estratti ilmija u l-qoxra.”	“– Il-“marmellata taċ-ċitru” hija taħlita, miġjuba għal konsistenza ġġelatinata xierqa, ta’ tipi ta’ zokkor u wieħed jew aktar mill-prodotti li ġejjin miksuba mill-frott taċ-ċitru: il-polpa, il-purejiet, il-meraq, l-estratti ilmija u l-qoxra. ***Fl-isem “marmellata taċ-ċitru”, it-terminu “ċitru” jista’ jiġi sostitwit bl-isem tal-frott taċ-ċitru użat.”***